REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 414/2012

tal-15 ta' Mejju 2012

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 554/2008 fir-rigward tal-kontenut minimu u tad-doża minima rakkomandata ta' preparazzjoni enżimatika ta' 6-fitaži bħala addittiv tal-għalf għad-dundjani tas-simna

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(3) tiegħu,

Billi:

(1) Il-preparazzjoni enżimatika ta' 6-fitaži (EC 3.1.3.26), li tappartjeni għall-kategorija tal-addittivi "addittivi żootekniċi", ġiet awtorizzata għal għaxar snin bħala addittiv tal-għalf għall-użu għat-tiġieġ tas-simna, għat-tiġieġ tal-bajd, għall-papri tas-simna, għad-dundjani tas-simna u għall-ħnienes miftuma, permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 554/2008 ([2]).

(2) Skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, id-detentur tal-awtorizzazzjoni ppropona li jinbidlu t-termini tal-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni kkonċernata billi jitnaqqsu l-kontenut minimu u d-doża minima rakkomandata tagħha minn 1 000 FTU/kg għal 500 FTU/kg ta' għalf komplet, fir-rigward tal-użu għad-dundjani tas-simna. Din l-applikazzjoni ġiet ippreżentata flimkien mad-dejta ta' sostenn rilevanti.

(3) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, fl-opinjoni tagħha tat-13 ta' Novembru 2011, ikkonkludiet li l-preparazzjoni kkonċernata għandha l-potenzjal li ttejjeb l-utilizzazzjoni tal-fosforu fid-dundjani tas-simna fid-doża minima mitluba ta' 500 FTU/kg ([3]) ta' għalf komplet.

(4) Il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 kienu sodisfatti.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 554/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 554/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) ĠU L 158, 18.6.2008, p. 14.
([3]) *EFSA Journal* 2012; 10(1):2533.

ANNESS

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 554/2008 qed jinbidel b'dan li ġej:

"ANNESS

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija ta' annimali	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						Unitajiet ta' attività/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			
Il-kategorija tal-addittivi żootekniċi. IL-grupp funzjonali: is-sustanzi li jtejbu d-diġestibilità									
4a5	AB Enzymes GmbH	6-fitaži EC 3.1.3.26	*Il-kompożizzjoni tal-addittiv* Preparazzjoni ta' 6-fitaži EC 3.1.3.26 prodotta minn *Pichia pastoris (DSM 15927)* b'attività minima ta': Għamla solida: 2 500 FTU/g [1] Għamla likwida: 5 000 FTU/ml *Il-karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* 6-fitaži EC 3.1.3.26 prodotta minn *Pichia pastoris (DSM 15927)* *Metodu analitiku* [2] Metodu kolorimetriku bbażat fuq ir-reazzjoni tal-vanadomolibdat fuq fosfat organiku prodott b'reazzjoni fuq substrat ta' (fosfat tas-sodju) b'pH 5,5 u 37 °C.	Tiġieġ tas-simna	—	500 FTU	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlita lesta minn qabel, indika t-temperatura għall-ħażna, kemm żmien tista' tinżamm il-ħażna, u l-istabbiltà għall-pelleting. 2. Id-doża rakkomandata għal kull kilogramm ta' għalf komplet: — it-tiġieġ tas-simna: 500-2 500 FTU; — it-tiġieġ tal-bajd: 250-2 000 FTU; — il-papri tas-simna: 250-2 000 FTU; — id-dundjani tas-simna: 500-2 700 FTU; — il-ħnienes (miftuma): 100-2 500 FTU. 3. Għall-użu f'għalf kompost li fih aktar minn 0,25 % ta' fosforu li huwa marbut mal-fitin. 4. Għall-użu fi ħnienes miftuma sa madwar 35 kg. 5. Għas-sikurezza: għandhom jintużaw il-protezzjoni għan-nifs, in-nuċċalijiet u l-ingwanti waqt l-immaniġġar.	8.7.2018
				Tiġieġ tal-bajd	—	250 FTU	—		
				Papri tas-simna	—	250 FTU	—		
				Dundjani tas-simna	—	500 FTU	—		
				Ħnienes (miftuma)	—	100 FTU	—		

[1] 1 FTU huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 1 mikromol ta' fosfat inorganiku fil-minuta mill-fitat tas-sodju b'pH 5,5 u 37 °C.
[2] Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz li ġej tal-Laboratorju Komunitarju ta' Referenza: www.irmm.jrc.be/crl-feed-additives."